MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Numru. 4/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Vincent Zammit**

Kaz Numru: 4/2012

Illum 28 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Vincent Zammit**, ta' sittin (60) sena, bin Salvu u Virginia neé Cachia,

imwieled Xaghra (Ghawdex) fis-26 ta' Awwissu 1951, residenti f'7, Nice Memory, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 60051(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-08 ta' April, 2010, u sentejn ta qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bi ħsara ta' Martin Mifsud:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, l-ammont ta' disat'elef Euro (€9,000.00) ghad-dannu ta' Martin Mifsud mil-Qala, Ghawdex, ghamel użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, kiteb fuqha xi ħaġa li tkun ta' ħsara għall-persuna oħra, jew, bl-istess ħsieb, zied fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola;

2. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, l-ammont ta' sitt'elef euro (€6,000.00) mill-kont tal-bank tal-HSBC ghad-dannu ta' Martin Mifsud mill-Qala, Ghawdex, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

3. approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, l-ammont ta' tlett'elef euro (€3,000.00) mill-kont tal-bank tal-Bank of Valletta ghad-dannu ta' Martin Mifsud mill-Qala, Ghawdex, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bi ħsara ta' Martin Mifsud, għamel xi qligħ ieħor b'qerq u dan bi ksur tal-Artikolu 309.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 30(1)(a), 140 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 173) datata 18 ta' Gunju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 293, 294, 297, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-26 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 174), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Gunju 2013, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 148), il-Qorti nnominat lil Dr. Aaron Attard Hili bhala Assistant Gudizzjarju sabiex jisma' d-depozizzjoni ta' Martin Mifsud fid-dar residenzjali tieghu *stante* li minhabba ragunijiet ta' sahha ma kienx possibbli ghalih li jattendi l-Qorti.[1]

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014, is-sottomissjonijiet finali tad-difiza (*a fol.* 203 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed **Joseph Debrincat** (*Manager* tal-Bank of Valletta – *a fol.* 12 *et seq.*) rigward il-kont bankarju *savings* ta' Martin Mifsud. Jixhed li kienet saret

[1] *Vide* wkoll certifikat mmarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 123) u depozizzjoni moghtija minn Dr. Ercole Spiteri (*a fol.* 133 *et seq.*)

prokura da parte ta' Martin Mifsud lil Josephine Haber, liema prokura qal li kienet ghadha fis-sehh. Jghid li fil-prezent fil-kont kien hemm bilanc ta' 29.33 u li fil-bidu tas-sena 2008 kien hemm Lm 920. Ezebixxa erba' *statements* li gew mmarkati bhala Dok. "JD 1" sa "JD 4" (*a fol.* 15 *et seq.*) u kif ukoll prokura mmarkata bhala Dok. "JD 5" (*a fol.* 19 *et seq.*). Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi *withdrawal* f'daqqa, jghid: *"Two thousand, three hundred thirty two Euro (Euro 2,332) hareg bhala foreign draft fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tat-two thousand and eight (2008). Hawnhekk ghandek withdrawal iehor ta' three thousand (3,000), withdrawal iehor ta' two thousand five hundred (2,500)"* (*a fol.* 13-14).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Mario Galea** (*Supervisor* tal-HSBC – *a fol.* 20 *et seq.*) rigward il-kont bankarju *savings* ta' Martin Mifsud. Jixhed li fil-prezent hemm bilanc ta' 201.20. Jispjega li fl-2008 l-*opening balance* kien ta' 6,640. Jispjega li tezisti prokura f'isem Rita Zammit. Ezebixxa erba' *statements* li gew mmarkati bhala Dok. "MG 1" sa "MG 4" (*a fol.* 23 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PC 1494 Emanuel Camilleri** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li fit-30 ta' Marzu 2010 Martin Mifsud kien mar l-Ghassa u rrapporta li kellu xi flus il-bank u x'hin mar il-bank biex jigbor xi haga ma sab xejn. Jghid li Mifsud kien qallu li kien ghamel prokura lil certu Vince Zammit.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 1407 Frank Portelli** (*a fol.* 30 *et seq.*) rigward l-okkorrenza (Dok. "B" – *a fol.* 10 *et seq.*) redatt minnu. Jghid li meta kellem lil Martin Mifsud dan qallu li kienet qieghda tmur ghandu certa Rita Zammit u li

din marret kemm-il darba tahsillu d-dar u xi drabi kien imur zewgha Vincent u t-tifel Jason u ma kienx ihallashom.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed **Michael Portelli** (*Supervisor* tal-Bank of Valletta – *a fol.* 42 *et seq.*) fuq is-*savings account* ta' Martin Mifsud li fuqu Josephine Haber u Vincent Zammit kellhom il-prokura. Ezebixxa *statement* mmarkat bhala Dok. "MP 1" (*a fol.* 44 *et seq.*) – li huwa l-istess *statement* bhal Dok. "JD 1" (*a fol.* 15 *et seq.* ). Jghid li kien hemm zewg prokuri: wahda fuq Josephine Haber u ohra fuq Vince Zammit. Ezebixxa set ta' dokumenti mmarkati bhala Dok. "MP 2" (*a fol.* 48 *et. seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-prokura fuq Vincent Zammit giet revokata fil-31 ta' Mejju 2010.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Mario Galea** (*Supervisor* tal-HSBC – *a fol.* 87 *et seq.*) fejn ezebixxa seba' *statements* li gew immarkati bin-numri "1" sa "7" (*a fol.* 92 *et seq.*). Jghid li l-*withdrawals* kollha jirrizultaw minn dokument mmarkat bin-numru "8" (li jinqasam f'ittri minn "A" sa "S" – *a fol.* 99 *et seq.*). Jghid li dokument "D" (*a fol.* 102) huwa *withdrawal* ta' elf Euro (E 1000) u li dan ingibed minn xi hadd V. Zammit (I.D. Nru. 60051(G)). Jghid li, ghajr ghal Dok. "I", dokumenti "E" sa "Q" juru li kien dejjem V. Zammit li gibed.

In <u>kontro-ezami</u> ezebixxa l-prokura li giet mmarkata bin-numru "9" (*a fol.* 118). Relatata mal-kont in kwistjoni, apparti din il-prokura jghid li kien hemm prokura ohra fuq Rita Zammit, liema prokura giet ezebita u mmarkata bin-nurmu "10" (*a fol.* 119). Mistoqsi jghid jekk il-prokuri kienux tnejn ghall-istess

kont, fis-sens li setgha jigbed wiehed jew iehor, wiegeb fin-negattiv u spjega li wahda kienet thassar lill-ohra. Jghid li l-unika prokura li ghadha valida hija dik ta' Rita Zammit tant li din il-persuna fil-prezent tista' tigbed.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2012, xehed **Dr. Ercole Spiteri** (*a fol.* 133 *et seq.*) rigward certifikat mediku rilaxxat minnu u li gie mmarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 123). Jghid li Mifsud huwa pazjent tieghu. Jixhed li Mifsud ghandu sieq aqsar mill-ohra, ibghati hafna jimxi u kull darba li jmur ghandu, kwazi dejjem jarah fil-*wheelchair*. Jghid li Mifsud ghandu problemi tal-qalb u jbaghti wkoll minn *agoraphobia*. Din il-*phobia* hija fis-sens li meta Mifsud ikun il-boghod mid-dar tieghu, itih *panic attack*. Mistoqsi dwar din id-distanza, jghid li Mifsud ghandu qisu *radius* li ma jitbieghedx minnu.

Illi, f'seduta ffissata mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Aaron Attard Hili, liema seduta giet mizmuma fit-18 ta' Frar 2013, xehed **Martin Mifsud** (*a fol.* 152 *et seq.)* fejn qal li kellu sebgha u ghoxrin elf li tahom lill-imputat. Mistoqsi jghid jekk dawn kienux liri jew euro, wiegeb li jahseb li kienu liri ghax il-kaz ilu. Mistoqsi jghid kemm ilu, isemmi hmistax (15) il-sena. Jghid li dawn il-flus tahom lill-imputat ghax l-imputat talabhomlu u mistoqsi jghid x'kien se jaghmel bihom l-imputat dawn il-flus, ighid li ma jafx ghax l-imputat ma qallux. Jghid li meta tah dawn il-flus, hu (Mifsud) kien qieghed fil-kamra tas-sodda tad-dar tieghu. Mistoqsi jghid kif tah dawn il-flus, jghid: *"Lanqas naf sewwa. Le, cekk mhux cekk. F'idejh il-flus"* (*a fol.* 154). Jghid li ma kien hemm hadd prezenti meta lill-imputat tah il-flus.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid meta ghadda dawn il-flus li semma lill-imputat iwiegeb li ma jafx ghax jinsa. Jghid li

madwar hmistax-il sena ilu. Jghid li ilu jaf lill-imputat sbatax-il sena. Jaqbel li tul dawn is-sbatax-il ena l-imputat kien imur f'daru jarah. Jichad li kien jaghmillu xi xoghol. Jghid li ma johrogx mid-dar u mistoqsi jghid kif jaghmel il-bzonnijiet tieghu ta' kuljum jghid li jara jsibx lil xi hadd. Ma jidhirlux li l-imputat kien jaghmel xi xoghol minn dan fl-ahhar snin. Jghid li mhux minnu li l-imputat kien imur jghinu biex isirlu x-xoghol. Mistoqsi kif informa lill-Pulizija biex jigbor flusu lura, ighid li ma jafx. Jghid li ma jafx jekk qattx mar l-Ghassa jew inkella kkuntattjax lill-Pulizija. Jghid li jinsa. Jixhed li jista' jkun li cempel lill-Pulizija, pero mhux cert. Jghid li ibnu joqghod il-Qala u kien ilu hames xhur li gie lura mill-Kanada.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Kevin Mompalao** (*a fol.* 169) fejn qal li kien hemm zmien fejn kien qed jassisti lil Marin Mifsud u kkonferma li hejja l-kwerela li tinsab *a fol.* 9. Jghid li kiteb din il-kwerela fuq struzzjonijiet moghtija minn Martin Mifsud.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, xehed l-imputat **Vincent Zammit** (*a fol.* 178 *et seq.*) fejn qal li lil Martin Mifsud ilu jafu madwar sitt jew seba' snin u li hu jiehu hsiebu. Jixhed: *"Il-mara taghmillu affarijiet li hemm bzonn u gieli rqadt mieghu u nafu sewwa, sal-lum jigifieri mmur hames (5) darbiet kuljum jien ghandu"* (*a fol.* 178). Jghid li hu jmur ghand Mifsud, li joqghod wahdu u li ghandu tmenin sena. Jghid li hadd mit-tfal ma joqghod ma' Mifsud. Jixhed li kien iqabbad lil xi hadd jahrat l-ghelieqi ta' Mifsud. Mistoqsi rigward il-kontijiet bankarji ta' Mifsud, ighid: *"Lili kien jibghatni ngiblu u jien kont nghidlu x'taghmel bihom u hekk kien jghidli nibghat lit-tfal. […] Ghadni ngiblu sal-lum"* (*a fol.* 179). Jghid li kien imur il-Bank of Valletta u l-HSBC. Jghid li ghadu jsarraf ic-cekk lil Mifsud. Jghid li gie li tmur martu. Ipprezenta dokumenti li gew mmarkati bhala

Dok. "VZ 1" sa "VZ 11" (*a fol.* 183 *et seq.*), fost liema kien hemm prokura maghmula lilu minn Mifsud. Jghid li meta kien jigbed il-flus, kien jaghtihom lil Mifsud direttament.

In kontro-ezami jghid li Mifsud mhux mohhu sew u anke qal li ibnu (iben Mifsud) gie u hadlu l-flus. Mistoqsi rigward l-ammonti li Mifsud irraporta li hu (Zammit) approprja ruhu bihom, jghid li dawk l-ammonti tahom kollha lilu (lil Mifsud).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, xehdet ukoll **Rita Zammit** (*a fol.* 194 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija mart l-imputat. Mistoqsija tghid min hu Martin Mifsud tghid li dan huwa bniedem anzjan u tiehu hsiebu hi. Tispjega li kienu hbieb u li kellu bzonn lil xi hadd u marret hi tghinu u taghmillu xi affarijiet li jkollu bzonn. Tghid li dan ilu jsir madwar hames jew sitt snin u ghadu jsir sallum. Tiddeskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda tajba. Tixhed: *"Martin Mifsud ibghati daqxejn mill-phobia u jbaghti minn certi nervi wkoll"* (*a fol.* 195). Tixhed li dak li ghamlu hi u zewgha l-imputat ma' Mifsud dejjem ghamluh bis-sewwa u dejjem ghamluh bl-ordni tieghu. Tispjega li zewgha jmur ghand Mifsud tlett jew erba' darbiet kuljum. Tghid li gie li marret hi ssarraf il-flus ghal Mifsud bi prokura u meta taghmel hekk tmur taghti l-flus lil Mifsud stess.

In kontro-ezami mistoqsija tghid fuq kemm kien l-ammont ta' flus li gibdet hi f'isem Mifsud, tghid li ta' kull xahar. Tixhed ukoll li gie li jwasslu lil Mifsud il-bank u jidhol hu stess. Mistoqsija tghid jekk Mifsud kienx jghid lill-imputat biex imur jigbor xi flus ghalih mill-banek, twiegeb li dak li Mifsud kien jghid lill-imputat jaghmel, l-imputat kien jaghmlu.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2014, xehed **Jason Zammit** (*a fol.* 199 *et seq.*) fejn qal li huwa iben l-imputat u jghid li jaf li lil Martin Mifsud kienu jiehdu hsiebu. Jghid li dan ilu jsir xi seba' snin u ghadu jsir sallum. Jispjega li sal-gurnata ta' qabel, hu (Jason Zammit) kien ha lil Mifsud il-bank isarraf u li Mifsud ghamel anke saghtejn hdejh ix-xatt gol-garaxx. Jghid li jew hu jew missieru l-imputat imorru tlett darbiet kuljum ghand Mifsud: filghodu, f'nofsinhar u filghaxija. Jghid li Mifsud ghandu zewg'itfal: tifla li ma tghix fil-Gzejjer Maltin u tifel li kien gie minn barra minn Malta biex taparsi jghinu u dan ghamel tlett xhur u telaq lura.

**Ikkunsidrat**

Illi, minn qari tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 173), jirrizulta li l-Avukat Generali jirrizultalu li ghandha tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghas-segwenti:

- approprjazzjoni bla jedd u cirkostanzi aggravanti (Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

- abbuz ta' karta in bjank jew xort'ohra (Artikolu 297 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

- kazijiet ohra ta' qliegh b'qerq (Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel xi konsiderazzjonijiet legali fir-rigward ta' Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittrattaw fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm flejjes li tkun zammet ghal haddiehor u

ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jaghmilha cara li dan ir-reat japplika ukoll ghal dawk il-persuni li jaghmlu hekk in konnessjoni max-xoghol jew mestjier taghhom.

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw ir-reat ta' misapproprjazzjoni, fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciz fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e*

> *neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

**Ikkunsidrat**

Illi, minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li dan il-kaz kontra l-imputat m'ghandux pedamenti sodi. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom jekk wiehed jaqra d-depozizzjoni moghtija mill-kwerelant Martin Mifsud f'dawn il-proceduri li huwa x-xhud principali f'din il-kawza, liema depozizzjoni thalli diversi mistoqsijiet minghajr risposta. Ma jirrizultax kontestat li l-kwerelant Mifsud ghandu problemi ta' mobilita' u li jbaghti wkoll minn *agoraphobia* li ggieghel lill-kwerelant ikollu *panic attack* meta jkun il-boghod mid-dar. Minkejja li l-kwerelant jghid li huwa ta sebgha u ghoxrin elf, li jahseb li huma liri Maltin, lill-imputat u minkejja li meta gie mistoqsi jghid kemm ilu dan, isemmi hmistax (15) il-sena, il-kwerelant jammetti li huwa jinsa hafna (*a fol.* 156). Filwaqt li Mifsud jghid li huwa jara lil min jghid biex jghinu jaghmel il-bzonnijiet tieghu ta' kuljum, ighid ukoll li ma jidhirlux li l-imputat kien jaghmel xi xoghol minn dawn fl-ahhar snin.

Illi, kif diga nghad, id-depozizzjoni tal-kwerelant Mifsud mhijiex wahda cara. Dana jinghad b'mod partikolari minhabba l-fatt li minkejja li jirrizulta li l-prokuri li kellu l-imputat gew revokati, jirrizulta li l-prokuri fuq mart l-imputat ghadhom fis-sehh. Apparti dan, l-imputat, martu u ibnu jikkonfermaw li huma ghadhom jghinu lill-kwerelant Mifsud fil-bzonnijiet tieghu ta' kuljum!

Illi, fir-rigward tal-ewwel tlitt (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, jirrizulta, mid-depozizzjonijiet moghtija mir-rapprezentanti tal-banek, li kienu saru diversi *withdrawals* f'diversi granet mill-kontijiet *savings* tal-kwerelant.

Illi, tenut kont ta' dan kollu li nghad hawn fuq, b'mod partikolari d-depozizzjoni moghtija mill-kwerelant Mifsud innifsu, mhux talli ma giex pruvat li l-imputat approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra l-ammonti msemmija fl-ewwel tlitt (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu talli anqas gie pruvat x'sar minn dawn l-ammonti. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-ewwel tlitt (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat bl-ebda mod ma gew pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

Illi, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat ghamel xi qliegh b'qerq bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-imputat ser jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Vincent Zammit hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------